TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1726

KAZ NRU. 2263

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Fenech

u

Industrial Motors Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 9 ta' Ottubru 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'rikors prezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-7 ta' Marzu 2005.

It-Tribunal zamm disa seduti.

Mario Fenech, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Charmaine Zammit u Industrial Motors Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Joseph Duca assistit mill-Avukat Louis M. Thompson.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li tkecca ngustament ghaliex mhux minnu li kien qed iwettaq xoghol b'konflitt ta' nteress max-xoghol tal-Kumpanija u t-tkeccija saret bi ksur tal-Ftehim Kollettiv billi ma gietx segwita l-procedura stabbilita. Barra minn hekk mpjegat iehor, fl-istess cirkostanzi, li kien tkecca wkoll rega' gie mpjegat izda hu ma giex mistieden jerga' jmur lura.

Il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex l-appellant, waqt li kien impjegat f'petrol station tal-Kumpanija, kien sar direttur u propjetarju, ma' haddiehor, f'petrol station li kien jahdem fiha regolarment. Illi t-tkeccija ma saretx bi ksur tal-Ftehim

Kollettiv anzi l-Kumpanija ghamlet dak kollu possibbli biex tinstab soluzzjoni nkluz tahdidiet mal-Union ta' l-appellant. L-impieg ta' mpjegat iehor, fl-istess cirkostanzi, kien gie terminat ukoll izda rega' gie mpjegat wara li accetta li ma jibqax jiehu sehem attiv fil-petrol station l-ohra u li jirrizenja minn direttur, hwejjeg li ma accettax li jaghmel l-appellant.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li l-appellant, fl-imkien ma persuna ohra, waqt li kienu mpjegati f'petrol station tal-Kumpanija, akkwistaw u mexxew petrol station ohra. Dan ghamluh minghajr il-permess tal-Kumpanija. Il-Kumpanija talbithom jirrenunzjaw l-interess taghhom fil-petrol station li akkwistaw izda qalu li ma setghux. Ghalhekk itterminatilhom l-impieg minhabba konflitt ta' interess skond it-termini ta' l-Artiklu 45 tal-Ftehim Kollettiv. Dan jistipula li mpjegati ma mghandhomx jaghmlu ebda xoghol jew negozju li jkun f'kompetizzjoni diretta ma dak li jsir mill-Kumpanija u li min jikser dan il-provvediment ikun suggett ghal tkeccija immedjata.

Xi zmien wara l-persuna l-ohra regghet giet impjegata meta accettat li ma tibqax tiehu sehem attiv fil-petrol station l-ohra, tirrizenja minn direttur u tipprova tnehhi l-ishma li kellha.

Jirrezulta wkoll li l-appellant kien ntalab jitlaq ix-xoghol li kien qabad fl-istess generu ta' dak li ghalih kien impjegat u mhallas mill-Kumpanija izda ma riedx jaghmel dan.

It-Tribunal hu tal-fehma li l-akkwist ta' petrol station u l-involviment attiv fih bhala direttur u permezz ta' xoghol fih regolarment jikkostitwixxi konflitt ta' interess u jikser il-provvediment ta' l-Artiklu 45 tal-Ftehim Kollettiv.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi l-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjoni ta'facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja